**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

Rik. Ġur. Nru. 510/2019MH
Diff: 26/10/2020

[redacted]

*vs*

[redacted] *et*

**Rikors <u>urġenti</u> ta' [redacted] (K.I [redacted]) għar-revoka ta' mandat kawtelatorju *ai termini* tal-Art. 836 tal-Kap. 12;**

Tesponi bir-rispett:

Illi l-esponenti ġiet a konoxxenza tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 648/2020 fl-ismijiet "[redacted] *vs* [redacted] u [redacted]" preżentat nhar il-5 ta' Ġunju 2020, u dan għas-sorte ta' mitejn u tmintax-il elf, erba' mija u disgħa u disgħin euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€218,499.62), bl-imgħax u l-ispejjeż riżervati u dan sabiex jikkawtela allegat debitu rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' €85,714.32 ħlasijiet antiċipati lis-sekwestrati għal xogħlijiet li ma ġewx eżegwiti, €103,300 rappreżentanti penali ta' mitt euro (€100) kuljum mis-7 ta' Awissu 2017 sad-data tal-mandat; €26,439.50 rappreżentanti danni inkorsi mis-sekwestrant f'kirjiet ta' proprjetajiet alternattivi mis-7 ta' Awissu 2017 sad-data tal-mandat b'konsegwenza tal-inadempjenza tas-sekwestrati; liema pretensjonijiet ġew dedotti permezz ta' kawża fl-ismijiet fuq premessi.

Illi l-esponenti tissottometti li jeżistu l-massimi li trid il-liġi sabiex il-mandat jiġi revokat u dan fit-termini tad-dispożizzjonijiet tal-Art 836(1)(ċ) u/jew (d) u/jew (e) u/jew (f) tal-Kap. 12 kif se jiġi spjegat aktar 'l isfel u dan billi mhuwiex raġjonevoli li l-istess att kawtelatorju jinżamm fis-seħħ; iċ-ċirkostanzi tal-esponenti huma tali li ma jagħtux lok għal dubju dwar il-kapacità finanzjarja tal-esponenti li tħallas it-talbiet tar-rikorrent f'każ ta' eventwali kundanna; l-ammont mhuwiex *prima facie* ġustifikat u fi kwalunkwe każ huwa eżaġerat;

Illi inoltre, il-ħruġ tal-mandat – in kwantu sar fil-konfront tal-esponenti – sar b'malizzja u hu frivolu jew vessatorju, apparti li ma saretx interpellazzjoni u fuq kollox mhemmx dubju dwar iċ-ċirkostanzi tal-esponenti u kwindi hemm lok ghal provvediment *ai termini* tal-Art. 836(8) (b) u/jew (ċ) u/jew (d) tal-Kap. 12.

Illi fl-aħħar nett hemm lok għal revoka tal-mandat in kwantu dan jolqot pensjonijiet li l-esponenti tipperċepixxi.

Illi għalhekk sejra tgħaddi sabiex titratta dan kollu kif ġej:

## A. FATTI

Jiġi rilevat qabel xejn illi l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors kienu kif gej:

1. Illi permezz ta' rikors ġuramentat fl-ismijiet fuq premessi, preżentat nhar it-28 ta' Mejju 2019, l-attur ipproċeda kontra l-esponenti u binha [redacted] minħabba xi kwistjoni li l-istess attur għandu ma' [redacted]. Tali vertenza tirrigwarda xi appalt li [redacted] kellu jespleta;

2. Illi l-esponenti, minkejja li ġiet ċitata bħala konvenuta f'din il-kawza, ma kellhiex involviment fir-relazzjoni ta' bejn l-attur u binha [redacted] u għaliha kwalunkwe ftehim bejn l-imsemmija persuni huwa *res inter alios acta*;

3. Illi l-esponenti kienet biss imdaħħla f'din il-kawza għaliex hija omm l-intimat [redacted] u fil-fatt l-esponenti qatt ma nnegozjat u wisq anqas ikkuntratat obbligazzjonijiet mar-rikorrent. L-esponenti bl-ebda mod ma hi nvoluta f'xi negozju li jiġġestixxi binha. Fil-fatt, l-unika riferenza għall-esponenti fil-rikors ġuramentat hija sempliċi riferenza fil-premessa tlieta (3) tar-rikors ġuramentat fejn jingħad kif ġej:

   > Illi sussegwentement għall-iffirmar tal-imsemmi ftehim tal-appalt, l-intimat [redacted] kien f'okkażjonijiet jagħti struzzjonijiet sabiex il-pagamenti jsiru lill-intimata [redacted] illi rċeviet u aċettat l-istess flejjes.

4. Illi inoltre, mill-mod kif inhuma redatti t-talbiet jidher biċ-ċar li l-pretensjoni hija diretta fil-konfront ta' [redacted] u mhux tal-esponenti u kwindi l-esponenti ma tistax tiġi kkundannata għall-ħlas;

5. Illi l-esponenti mhux biss ma kienitx taf b'dak li kien għaddej bejn binha u l-attur, talli l-anqas biss giet interpellata la qabel ma saret il-kawża u wisq anqas qabel ma ġie preżentat il-mandat li tiegħu qed tintalab ir-revoka bl-odjern rikors.

6. Illi kieku kellu wieħed iħares lejn il-vertenza kif dedotta – għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-mertu jrid jiġi invetsigat fil-kawża – jinduna mill-ewwel li din hija ppernjata fuq is-segwenti pretensjonijiet;

   a. Pretensjoni dwar pagamenti akkont li l-attur qed jgħid li għamel li jammontaw għal €85,714.32. Biex wasal għal din is-somma, l-attur qed jistrieħ fuq rapport peritali *ex-parte* (Dok. ML50 mar-rikors ġuramentat). L-attur jallega li l-pagamenti hu vversahom f'kont intestat fuq isem l-esponenti. L-esponenti min-naħa tagħha tissottometti li mhux kontestat li saru pagamenti f'tali kont iżda dan sar meta hi ma kienetx konsapevoli tan-negozju bejn binha u l-attur. [redacted] kien jgħidilha li l-pagamenti qegħdin isiru fil-kont tagħha bil-għan li jħallasha lura ta' somom kbar li għandha tieħu mingħandu. Jiġi rilevat li anke minn dokumenti li ppreżenta l-istess attur mar-rikors ġuramentat (Dok. ML19 sa ML49) kienu biss <u>uħud</u> mil-pagamenti li

saru fil-kont tal-esponenti, il-bqija saru direttament lil [redacted]. Fil-fatt huma biss is-segwenti dokumenti li jagħmlu referenza għal esponenti:

- Dok. ML38 - pagament ta' €1,200
- Dok. ML39 - pagament ta' €5,000
- Dok. ML41 - pagament ta' €4,700
- Dok. ML42 - pagament ta' €8,000
- Dok. ML43 - pagament ta' €5,000
- Dok. ML44 - pagamaent ta' €4,000
- Dok. ML45 – pagament ta' €5,599.81
- Dok. ML46 – pagament ta' €10,950
- Dok. ML48 – pagament ta' €2,773
- Dok. ML49 – pagament ta' €2,000

Li flimkien jagħmlu €49,222.81

b. Pretensjoni mhux likwidata fil-kawża iżda likwidata fil-mandat għal penali ta' €100 kuljum;

c. Talba mhux likwidata fil-kawża iżda likwidata fil-mandat għal-danni;

## B. SOTTOMISSJONIJIET

Illi tant premess, l-esponenti se tgħaddi sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha kif irid l-Art. 836(2) tal-Kap. 12, kif ġej:

### I. Dwar il-fatt li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju (Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12);

1. Illi fis-sentenza fl-ismijiet "[redacted] *vs* T[redacted]" tad-29 ta' Lulju 2005, din l-Onorobbli Qorti kif diversament presjeduta, fl-analiżi tagħha tas-subartikolu 836(1)(f) iċċitat il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ħruġ ta' mandate kawtelatorju:

   Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwa sew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu.

2. Illi fil-fatt ir-rikorrenti m'għandu l-ebda pretensjoni ta' dritt kontra l-esponenti [redacted], u fil-fatt m'hemm l-ebda relazzjoni eżistenti bejn il-partijiet, stante li l-esponenti qatt ma nnegozjat u wisq anqas ikkuntrattat obbligazzjonijiet mal-attur.

3. Illi in-nuqqas ta' relazzjoni bejn il-partijiet hija ukoll kkonfermata fir-rikors ġuramentat, fejn l-unika referenza għall-esponenti hija sempliċi dik fil-

premessa tlieta (3) u mill-mod kif inhuma redatti t-talbiet. Hija konfermata wkoll mid-dokumenti li l-istess attur ippreżenta. Ċertament li ma jistax jingħad li l-esponenti assumiet xi responsabbilita għal penali jew esponiet ruħha għal danni.

4. Illi fi proċeduri simili għal dawk odjerni ta' revoka, din l-Onorabbli Qorti f'sentenza fl-ismijiet "[redacted] *vs* [redacted]" (Rikors 115/2011 deċiz nhar is-17 ta' Mejju 2011) imxiet mal-insenjament li joħrog mis-sentenza fl-ismijiet "[redacted] *vs* [redacted] *et*" (Rikors 286/01 deċiz fl-10 ta' Mejju 2001) fejn ġie ritenut:

> li mid-disposizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie*, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.

**II. Dwar il-fatt li l-amomnt mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv (Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12);**

1. Illi huwa ċar li l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat kemm għaliex l-esponenti ma tistax tinżamm responsabbli għalih kif ukoll billi mill-istess pretensjoni li ressaq is-sekwestrant jidher li l-esponenti ġiet traxxinata fl-odjerna vertenza biex issir pressjoni.

2. Illi lanqas li kieku għas-saħħa tal-argument jinstab li l-esponenti għandha xi forma ta' responsabbilita f'din il-vertenza, tali responsabbilita hija limitata għas-somma li mingħajr il-kunsens tal-esponenti iżda b'għażla tiegħu u/jew fuq struzzjonijiet ta' [redacted], l-attur ivversa fil-kont tal-esponenti.

3. Illi minn eżami tad-dokumenti li jinsabu in atti, tali pretensjoni hija ċirkoskritta għas-somma ta' €49,222.81 – ferm inferjuri għas-sorte esaġerat li qiegħed jintalab anke fil-konfront ta' l-esponenti fis-somma ta' €215,453.82;

4. Isegwi li mhuwiex raġjonevoli li tali att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ;

**III. Dwar L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħrug tal-mandat (Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap 12)**

1. Illi għad li l-esponenti mhijiex likwida bil-bosta, huwa fatt magħruf mill-attur – li kieku ma kienx se jittraxxina lill-esponenti innoċenti fil-kwistjoni li għandu ma' binha – għandha ishma f'diversi propretajiet li originarjament kienu jifformaw parti mill-wirt tal-familja [redacted], kemm ukoll ishma oħra li ppervjenew għandha mill-wirt ta' żewġha il-kompjant [redacted] liema assi jikkomprendu l-wirt tal-familja [redacted] "[redacted]" bil-proprjetajiet immobiljari li għandhom f'Għawdex u f'imkejjen oħra f'Malta;

2. Illi biss biss ċertament li bil-prominenza li ngħatat fil-mezzi tax-xandir, is-sentenza tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet fl-ismijiet "Kummissarju ta' l-Artijiet *vs* [redacted]" (Rikors Numru 20/03 FDP) fejn l-esponenti u l-bqija tal-familja [redacted] ingħataw kumpens ta' €2,282,785 oltre l-imghax mit-8 ta' Mejju 1993 li jtella' mal-€4,900,000 oħra għall-art tal-pixxina nazzjonali is-sekwestrant kellu serħan il-moħħ biżżejjed li *se mai* jikkawtela pretensjoni kontra l-immobbli u mhux kontra l-kontijiet bankarji ta' mara anzjana. Is-sentenza li fil-preżent hija soġġetta għall-appell, qed tiġi annessa u mmarkata Dokument "A";

3. Illi ċertament li l-attur seta' flok jagħmel bħall-*cowboys* u jfaqqa' mandat addoċċ kontra l-esponenti, jagħmel ir-riċerka tiegħu u jikkawtela bi prudenza;

4. F'dan ir-rigward issir riferenza għar-rikors ta' revoka bin-numru 45/2014 deċiż fis-seduta tal-21 ta' April 2014 (per. Onor. Imhallef J.R. Micallef) fl-ismijiet "[redacted] *vs* [redacted]" fejn il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħrug tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinsab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarrig tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat ezekutat ieħor. Izda, min naha ohra, l-biza' li l-ġid alternattiv li jitressaq bħala garanzija jista' jintuza mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'ghandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternattiva ghall-pretensjoni tal-ezekutant. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternattiva xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bija jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija.

5. Illi dan ir-raġunament ġie abbraċċjat drabi oħra mill-Qrati tagħna senjatament fid-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fi proċeduri għal revoka ta' sekwestru kawtelatorju permezz ta' provvediment mogħti nhar l-24 ta' Frar 2010 fl-ismijiet "Tal-Ġeneral Company Limited *vs* Kunsill Lokali tal-Mosta" fejn l-Onorabbli Qorti irriteniet:

> Illi fil-każ in eżami għalhekk peress li l-Qorti hija sodisfatta li l-allegat kreditu tas-soċjeta intimata jista' jiġi garantit b'influss ċert ta' fondi għand ir-rikorrenti ma tarax għaliex l-istess soċjeta' kellha għalfejn f'dan l-istadju titlob il-ħruġ ta' dan il-mandat. Mandat kawtelatorju jinħareġ biex il-kreditur iqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tiegħu. Ma għandux jinħareġ biex iġib l-allegat debitur għarkubbtejh, bid-dovut rigward għad-drittjiet tal-allegat kreditur illi jekk ikollu indizju ċar li l-kreditu tiegħu jista' jiġi eluż (kif kien jingħad fir-rikorsi għall-ħruġ tagħhom antikament, u ċioe' qabel ir-rikorsi saru formoli apposta) ikun jista' jitlob miżuri maħsuba mill-istess liġi biex jipproteġi d-drittijiet tiegħu. Il-Qorti tħoss li f'kazijiet simili, ma hemmx bżonn li dan isir f'dan l-istadju, (ċioe' qabel jiġi determinat jekk il-kreditu jeżistix u

jekk jeżisti kemm hu eżattament) għaliex hemm iċ-ċertezza li fil-futur jista' jsir.

6. Illi jidher ċar li ċ-ċirkostanzi tal-esponenti huma tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġjonevoli dwar il-kapacità tagħha li tħallas it-talbiet tar-rikorrent f'każ ta' eventwali kundanna, u din il-qagħda tad-debitriċi hija magħrufa u għalhekk huwa opportun li din l-Onorabbli Qorti timponi fuq is-sekwestranti l-pieni kommitati fl-Art. 836(8) tal-Kap. 12 in kwantu l-odjern mandat sar fil-konfront tal-esponenti inutilment, kif se jiġi rilevat aktar 'l isfel;

**IV. Dwar l-eżistenza ta' garanzija li titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed (Art. 836(1)(e) tal-Kap 12);**

1. Illi din il-kawzali torbot mal-kawżali preċedenti u ċioe' dik tal-Art. 836(1)(c) tal-Kap. 12, u fil-fatt l-esponenti issostni li l-interessi immobiljari tal-esponenti jistgħu jservu bħala garanzija biżżejjed, f'każ ta' eventwali kundanna.

**V. Dwar id-dhul tal-esponenti**

1. lli jidher ċar daqs il-kristall li dan il-mandat gie intavolat vessatorjament u dan qed jinghad ghaliex l-esponenti hija mara anzjana u illi d-dħul tagħha oltre għall-kirjiet u renti huwa limitat għal pensjoni li hi tipperċepixxi.

2. Illi l-esponent tirċievi l-pensjoni tagħha fil-kont mal-Bank of Valletta plc [redacted], u dan kif jidher mid-dokumenti li qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. B' u 'Dok. Ċ'. Jiġi puntwalizzat li l-esponenti tipperċepixxi sija l-pensjoni tas-sigurta soċjali oltre għal pensjoni tat-Teżor bħala l-armla tal-kompjant Onorevoli Victor Galea Pace.

3. Illi fil-fatt l-Art. 381(b) tal-Kap. 12 (reż applikabbli għall-mandati kawtelatorji bl-Art. 849 tal-Kap. 12) jistipula li ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq "*benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew pensjoni jew allowance oħra ta' persuna li tinħarġilha pensjoni mingħand il-Gvern*";

4. Illi għalhekk mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti ma tħassarx il-mandat ta' sekwestru odjern a bażi ta' waħda mill-kawżali hawn fuq elenkati l-esponent titlob li l-pensjonijiet tagħha ma jiġux kolpiti mill-effetti tal-mandat odjern;

**VI. Dwar il-fatt li l-aġir tal-konvenut jaghti lok ghal danni u penali**

1. Illi huwa ċar li t-talba tal-konvenut in kwantu diretta fil-konfront tal-esponenti saret b'malizzja u għandha mill-frivolu u mill-vessatorju;

2. Illi dan jidher mill-fatt li malli nħareg l-mandat kawtelatorju in kwistjoni, ntbagħtet korrispondenza via *email* – liema korrispondenza mhijiex immarkata Mingħajr Preġudizzju u kwindi qed tiġi preżentata – fejn ġie ddikjarat illi l-

konvenut "*ma ppreżentax il-mandat in kwistjoni mal-presentata (sic) tal-kawza, bit-tama illi din il-vertenza tigi risolta b'mod amikevoli*" u li "*nonostante t-tentattivi minn-naha tal-klijent tieghi biex jintlahaq ftehim, il-klijenti taghkom ma wrewx interess, u ghaldaqstant, ma kienx hemm ghazla ghajr illi jigi ppresentat il-mandat*", u illi għalhekk jidher ċar li ma kien hemm ebda raġuni valida sabiex jinħareġ il-mandat odjern għajr bħala tattika ta' "*arm twisting*". Din il-korrispondenza qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. D'.

3. Illi m'ghandu qatt jigi konċess li jinħareg u jinżamm fis-seħħ att gudizzjarju intiż sempliċement bħala tattika ta' "*arm twisting*" jew bħala xi forma ta' tpattija għall-fatt li ammont mitlub ikun qed jiġi leġittimament kontestat – aktar u aktar meta fil-verita l-esponenti hija estranja għan-negozju bejn is-sekwestrant u s-sekwestrat l-ieħor.

4. F'dan ir-rigward ukoll jinsab deċiz li: "*Il-Mandati kawtelatorji qeghdin hemm biex iservu ta' tarka ghal min jippretendi li hu kreditur, pero', m'ghandhomx jintuzaw bl-addocc u lanqas m'ghandhomx jintuzaw bi skop li jwegghu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw*". ([redacted] *et vs* [redacted] deċiża minn dinl-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Ġunju 2003)

5. Illi minbarra dan, għandu jingħad ukoll illi l-attur ma bagħat l-ebda interpellazjoni għall-ħlas fi żmien ħmistax-il jum qabel ma ressaq it-talba għal ħruġ tal-Mandat.

6. Illi mhemmx dubju f'għajnejn l-esponenti li l-ħruġ tal-mandat li qieghed jigi attakkat bl-odjern att ma kien xejn għajr abbuż tas-sistema ġudizzjarja li timmerita sanzjoni u li fil-kaz odjern japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Art. 836(8)(b) u/jew (c) u/jew (d) tal-Kap. 12 u dan ghar-raġunijiet li huma cari u jirriżultaw anke mad-daqqa ta' għajn kif fuq ingħad;

7. Illi għalhekk l-esponent qed jagħmel ukoll talba għall-ħlas ta' penali ai termini tal-Art. 836(8) tal-Kap. 12 stante li tali mandat ta' sekwestru sar vessatorjament. Dan qiegħed jingħad għaliex kif se jirriżulta fil-mori tas-smiegħ, l-attur mhux se jirnexxilu jiġġustifika l-ħruġ ta' mandat fis-somma ta' €215,453.82 fil-konfront tal-esponenti. Fi kwalunkwe każ, ma saret ebda interpellazzjoni fil-konfront tal-esponenti kif trid il-liġi u kieku din saret, l-esponenti setgħet faċilment tipprovdi sigurta mingħajr ma tgħaddi mill-imbarazzament li tispiċċa bil-pensjoni kolpita b'mandat. Ċertament li ma jistax l-attur jargomenta li kien hemm xi urġenza għaliex stenna sena u l-abbli avukat li ffirma l-mandat spjega fl-email annessa il-għaliex l-attur deherlu li kellu jagħmel mandat. Fuq kollox, huwa fatt magħruf li l-esponenti bħala eredi [redacted] u [redacted] għandha biżżejjed proprjeta immobiljarji biex tissodisfa kwalunkwe kreditu li jista' jkollu l-attur f'każ ta' eventwali kundanna. Dan kollu meħud flimkien, juri biċ-ċar il-malizzja tal-attur.

**VII. Dwar il-ħtieġa tal-garanzija**

1. Illi kif se jigi ppruvat fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors, l-esponenti sofriet danni in vista tas-sekwestru, liema danni jridu jiġu likwidati inkluż l-ispejjeż taċ-ċedoli ta' depożitu li għandhom isiru ġjaladarba jgħaddi t-terminu għad-depożitu u kemm-il darba ma jistgħux jiġi likwidati f'dan l-istadju, l-esponenti qiegħda tirriżerva kwalsiasi jedd tagħha fir-rigward.

2. Illi hu ċar li l-attur huwa barrani u kemm-il darba ma jirriżultawx il-massimi għar-revoka, hemm lok li jingħata provvediment a tenur tal-Art. 838A tal-Kap. 12.

Għaldaqstant, ir-rikorrent titlob bir-rispett illi għar-raġunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(i) B'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Art. 836(1)(ċ) u/jew (d) u/jew (e) u/jew (f) tal-Kap. 12 tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet "[redacted] vs [redacted] u [redacted]" (Mandat Numru: 648/2020) fir-rigward tar-rikorrenti [redacted];

(ii) F'każ li jidhrilha li ma jirriżultawx il-massimi għat-tħassir, tittempera l-ammont tal-mandat ta' sekwestru suriferit;

(iii) Fi kwalunkwe każ, tordna li flejjes li jirrappreżentaw pensjonijiet li tipperċepixxi r-rikorrenti ma jiġux kolpiti mill-effetti tal-istess mandat fil-waqt li tordna l-isbank ta' kwalsiasi tali ammont depożitat;

(iv) B'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Art. 836(8)(b) u/jew (c) u/jew (d) tal-Kap. 12 tikkundanna lil-konvenut [redacted] ghall-hlas ta' penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux izjed minn €6,988.12;

(v) Fin-nuqqas li ma jiġux milqugħa t-talbiet preċedenti, b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Art. 838A tal-Kap. 12 tordna lil konvenut [redacted] sabiex jaghti, entro terminu li jigi lilu prefiss, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imgħax, u jekk jonqos, li jneħħi l-att kawtelatorju.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Kirsten Gatt

P.L. [redacted]

Esponenti:

Intimat: